MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 886/2002

**TGS Company Limited.**

**-vs-**

**Ceiling Systems Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xogholijiet ta' installazzjoni ta' elettriku u ilma fil-

Euro Club Hotel, Qawra, skond ftehim iffirmat fit-28 ta' Jannar 2002, hawn anness u mmarkat Dokument "A".

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' hamest elef sitta u disghin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm5096.80), prezz dovut ghal xogholijiet skond l-imsemmi ftehim (Dokument "B").

Illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Gunju 2002, baqghet inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef sitta u disghin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm5096.80) ammont dovut ghal xogholijiet maghmula fuq inkarigu taghha.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Gunju 2002 u tal-mandati kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Anthony Sammut ID 201374(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata naqset li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumacja skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara rappresentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont mitlub ghadhu dovut.

**Il-Qorti ghalhekk fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u**

**tikkundanna lis-socjeta' konvenuta is-somma ta' hamest elef u sitta u disghin lira u tmenin centezmu (Lm5096.80) u imghaxijiet legali; bl-ispejjes kif mitluba fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------